| | |
|---|---|
| **Lesson** | Year 3 – 6.1 – Religion |
| **Select Learner Year & Subject** | Year 3 – 6.1 - Religion |
| **Lesson Duration** | 45 mins |
| **Lesson Title** 1 of 12 max words. | **Meta ż-żerriegħa tikber** |
| **Short Description** | 1. Bħalma ż-żerriegħa għandha bżonn il-ħamrija, l-ilma u x-xemx biex tikber fi fjura sabiħa u b'saħħitha, aħna wkoll għandna bżonn l-imħabba ta' min jieħu ħsiebna.<br>2. Iż-żerriegħa trid tbati biex issir pjanta sabiħa.<br>3. Ġesu ndifen fil-qabar, imma imbagħad qam sabiħ u rebbieħ fuq il-mewt. |
| **Lesson Description, Explain how the lesson should be carried out** | 1. Ibda billi tara l-video *Peep Plants A Seed*.<br>2. Imbagħad wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq karta: Ta' xiex kienet iż-żerriegħa? X'kienet se ssir iż-żerriegħa la tikber? Għaliex fil-bidu ma reditx tikbirlu lil Peep? Barra l-ħamrija, x'kellha bżonn iż-żerriegħa biex tikber?<br>3. Issa aqra dan li ġej: Fil-bidu, Peep u sħabu l-għasafar bdew jaqtgħu qalbhom għax ma rawx iż-żerriegħa tikber. Huma kellhom jistennew u ma jaqtgħux qalbhom. Peep ħa grazzja mal-warda tax-xemx u kull filgħodu kien imur ħdejha.<br>4. Issa aħseb ftit: Biex il-warda tax-xemx tikber, kellha bżonn il-ħamrija, l-ilma u d-dawl. Aħna wkoll biex nikbru għandna bżonn l-imħabba ta' dawk li jieħdu ħsiebna. biex nikbru.<br>5. Aħseb ukoll: Meta ż-żerriegħa bdiet tikber, Peep ma baqax jieħu ħsieb iż-żerriegħa waħdu. Ġew l-għasafar l-oħra biex jgħinuh.<br>6. Aqra wkoll u aħseb. Tista' wkoll tiddiskuti ma' min qiegħed jieħu ħsiebek: Iż-żerriegħa, biex tagħti l-frott kellha bżonn li tgħaddi mit-tbatija.<br>7. Aħseb ftit: Min għadda mit-tbatija u miet? Dan kien Ġesù.<br>8. Issa ħares lejn il-worksheet. Aqra l-paragrafu tal-bidu.<br>9. Imbagħad qabbel il-kolonni ma' xulxin. Fuq in-naħa tal-lemin għandek kif tikber iż-żerriegħa u fuq in-naħa l-oħra għandek kif nikbru aħna. Qabilhom ma' xulxin.<br>10. Aħdem l-eżerċizzju li jmissek, billi tagħżel il-kelma t-tajba.<br>11. Imbagħad aqra s-sentenza tal-aħħar eżerċizzju u ikteb wara li tiddiskuti ftit ma' min qiegħed jieħu ħsiebek. |
| **Featured Image** | https://www.google.com/url?sa=i&url=https%3A%2F%2Fwww.koppert.com%2Fcrops%2Fornamentals%2Fsunflower%2F&psig=AOvVaw013JI5kGXoVoai0JCdtTUw&ust=1586952810555000&source=images&cd=vfe&ved=0CAIQjRxqFwoTCLiAgNPy5-gCFQAAAAAdAAAAABAD |

| | |
|---|---|
| **Video Link** | https://www.youtube.com/watch?v=Yxs7P7LWzDg&spfreload=10 |
| **Upload Resources** | Worksheet 6.1 |